MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2213/1996/1

**Josephine mart Carmelo Cilia**
**Vs**
**Salvina mart Joseph Schembri, Lourdes mart Daniel Gatt, Grace mart Joseph Cutajar, George Sciortino, Mary Sciortino, Anthony Sciortino, u Joseph Cutajar nominat kuratur b'digriet tas-7 ta' Novembru 1995 biex jirraprezenta lill-imsiefrin Nazzareno, Emanuel u Philip, ahwa Sciortino, u l-istess Joseph Cutajar ghall-interess li jista' jkollu bhala ezekutur testamentarju ta' Salvatore u Carmela mizzewgin Sciortino**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi Salvatore u Carmela mizzewgin Sciortino, mietu rispettivament fis-27 ta' Settembru 1987 u fit-8 ta'

Awwissu 1995, u hallew superstiti lil ghaxar uliedhom, il-kontendenti ahwa Sciortino;

Peress illi l-istess Salvatore u Carmela Sciortino b'testment unica charta tat-30 ta' Mejju 1985 fl-atti tan-nutar Dr Carmelo Mangion, hallew eredi lid-disa' konvenuti, indaqs bejniethom, minghajr ma semmew lill-attrici binthom;

Peress li l-attrici ghandha dritt ghal-legittima mill-wirt tal-genituri taghha;

Peress illi b'kuntratt tas-26 ta' Jannar 1990 gie mibjugh il-fond 100, Siggiewi Street, Zebbug, meta min-nofs li kien wirt ta' missier l-attrici, hija jmissha porzjoni legittima;

Peress illi Salvatore u Carmela Sciortino ghamlu donazzjonijiet lill-konvenuti, kif jigi ppruvat;

Peress illi bl-imsemmi testment il-konvenut Joseph Cutajar gie nominat esekutur testamentarju tal-mizzewgin Sciortino;

Jghidu l-konvenuti fil-kwalita' taghhom fuq indikata ghaliex –

1. m'ghandhiex tigi firmata u likwidata l-komunjoni tal-akkwisti ga' ezistenti bejn l-imsemmijin Salvatore u Carmela mizzewgin Sciortino, u maqsuma f'zewg porzjonijiet indaqs li wahda minnhom tigi assenjata lill-assi ta' Salvatore Sciortino u l-ohra lill-assi ta' Carmela Sciortino;

2. m'ghandux jigi firmat u likwidat l-assi ereditarju ta' Salvatore Sciortino billi jigi dikjarat li jikkonsisti fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti lilu hawn fuq assenjata u fil-beni partikolari tieghu;

3. m'ghandux jigi firmat u likwidat l-assi ereditarju ta' Carmela Sciortino billi jigi dikjarat li jikkonsisti fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti lilha hawn fuq assenjata u fil-beni pertikolari taghha;

4. m’ghandhiex tigi assenjata lill-attrici il-legittima lilha spettanti mill-assi ereditarju ta’ Salvatore Sciortino;

5. m’ghandhiex tigi assenjata lill-attrici il-legittima lilha spettanti mill-assi ereditarju ta’ Carmela Sciortino;

6. m’ghandux jigi nominat nutar biex jippublika l-att opportun ta’ hlas tal-legittima lill-attrici u kuratur biex jirraprezenta l-kontumaci fuq dak l-att; bl-imghaxijiet legali, u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta’ Ottubru 1995, kontra l-konvenuti li ghandhom jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Illi l-konvenuti ahwa Sciortino eredi tal-mejtin Salvatore u Carmela konjugi Sciortino qatt ma opponew, anzi ttrattaw maghha, sabiex l-attrici tiehu l-legittima lilha spettanti mil-assi tal-genituri taghhom, imma kienu t-talbiet ezorbitanti taghha li mpedew kull arrangament.

2. Illi l-konvenut Joseph Cutajar qatt ma accetta u fil-fatt ma huwiex ezekutur testamentarju tal-mejtin konjugi Salvatore u Carmela Sciortino.

3. Illi l-fond nru. 100 Triq is-Siggiewi f’Haz Zebbug, inbiegh skond il-ligi mil-eredi hekk rizultanti.

4. Illi d-donazzjonijiet msemmija mill-attrici gew lilha indikati mill-konvenuti fit-trattattivi bonarji li huma mexxew u l-attrici sfrattat bi pretensjonijiet ezagerati, u ghalhekk huma ma ghandhomx jbatu spejjez.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-2 ta’ April 2004 li permezz tieghu din il-Qorti giet mitluba sabiex tigi definita l-vertenza sollevata mill-attrici dwar l-allegata simulazzjoni

parzjali tal-kuntratt relattiv ghall-fond 100 Siggiewi Street, Zebbug;[1]
Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet in propositu;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**

Illi dan il-gudizzju jikkoncerna l-fond numru 100 [gia' 102] sitwat f' Siggiewi Street, Zebbug u li kien jifforma parti mill-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Carmela u Salvatore Sciortino, genituri mejtin tal-kontendenti, u ghalhekk il-fond kien jappartjeni lil dawn il-konjugi fi kwoti wgwali bejniethom.

Illi b' testment unica carta[2] ppubblikat minn Nutar Dottor Nicola Said, l-imsemmija konjugi Sciortino nnominaw bhala eredi universali taghhom lid-disa uliedhom, indikati fit-testment, ad eskluzjoni tal-attrici li hallewlha legat ta' Lm1,500 "ghas-saldu ta' kwalsiasi drittijiet tal-legittima".

Illi l-attrici istitwit il-proceduri odjerni sabiex tigi assenjata lilha l-legittima spettanti lilha mill-assi ereditarju kemm ta' misserha Salvatore kif ukoll ta' ommha Carmela, li mietu rispettivament fis-27 ta' Settembru 1987 u fit-8 ta' Awissu 1995.

Illi mal-mewt ta' Salvatore Sciortino fis-27 ta' Settembru 1987 nofs indiviz tal-fond de quo ddevolva fuq id-disa' uliedu skond l-imsemmi testment soggett ghall-usufrutt ta'ommhom Carmela, filwaqt li nofs indiviz l-iehor baqa' japparjenti lill-istess Carmla Sciortino bhala sehemha mill-kommunjoni tal-akkwisti.

Illi ghalhekk il-fond de quo, in kwantu ghan-nofs indiviz kontenut fl-assi ereditarju ta' Salvatore Sciortino jidhol fil-komputazzjoni tal-legittima reklamata mill-attrici.

[1] Fol.315
[2] Dok.A – Fol.5 *et seq.*

Illi wara li mewt ta’ Salvatore Sciortino, u precisament fis-26 ta’ Jannar 1990, martu Carmela bieghed in-nofs indiviz taghha, kif ukoll l-usufrutt fuq il-kumplament, lil binha Anthony Sciortino, u bl-istess kuntratt it-tmien uliedha l-ohra bieghu sehemhom lil huhom l-istess Anthony Sciortino. B’ hekk dana gie proprjetarju tal-fond kollu. Dan il-kuntratt sar fl-atti tan-Nutar Nicola Said.[3]

Illi dan il-bejgh sar bil-prezz ta’ Lm1,100 skond l-istima li kienet saret ghall-finijiet tad-denunzja tal-mejjet Salvatore Sciortino, fejn il-fond gie deskritt bhala li jikkonsisti: “f’ entrata zghira, kamra dejqa u twila fuq ix-xellug, bitha interna imsaqqfa bix-xorok tal-qasba fi stat hazin, bitha interna fejn hemm bir u tarag ghal ghorfa zghira fuq l-intrata, kamra fuq wara ghall-ghalf, giardina b’ kamra zghira ghat-tjur ….. il-post la ghandu kamra tal-banju u anqas WC u dawl elettriku li qieghed fi stat ta’ manutenzjoni hazina..”[4]

Illi fl-istess kuntratt gie dikjarat li l-prezz “l-venditrici qieghda tircevih presenzjalment min ghand il-kompratur u ghal daqstant thalli d-debita ricevuta.”[5]

Illi sussegwentement Anthony Sciortino waqqa’ l-post u reggha bnih. Mix-xhieda ta’ Lourdes Gatt,[6] jidher li mir-rikavat ta’ dan il-bejgh, Carmela Sciortino kienet zammet nofs il-prezz, u nofs l-iehor kienet qassmithom ugwalment bejn l-ahwa.

Illi fin-nota taghha l-attrici qeda ssostni li dan il-bejgh huwa milqut minn simulazzjoni relattiva, fis-sens li dak li sar realment bejn il-kontraenti ma kienx kuntratt ta’ komprovendita, izda donazzjoni minn Carmelo Sciortino lil binha Anthony. Hija qed tibbaza din il-pretensjoni taghha fuq zewg fatturi principali u cioe: [1] li l-prezz kien baxx; u [2] li l-prezz ma thallasx. “Di piu dan il-fond twaqqa’ u rega inbena kif inha illum bi flus l-omm, u dan

[3] Fol.10 *et seq.*
[4] Dok.J – Fol.61
[5] Sottolinear tal-Qorti
[6] Dep. 25 Ottubru 2001 – Fol.118-120

jikkostitwixxi donazzjoni li hija komputabbli wkoll ghal-legittima.”[7]

Illi minn naha taghhom il-konvenuti sostnew li dawn huma “asserzjonijiet fortuwiti kontestati [minnhom]”

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
***Osservazzjonijiet guridici***

Fl-ewwel lok jigi osservat li l-kwistjoni dwar l-allegata simulazzjoni parzjali tal-att de quo [colorem habens substantiam vero alteram] rigwardanti proprjeta formanti parti mill-assijiet ereditarji tal-konjugi Scirotino, taqa’ fil-parametri ta’ dan il-gudizzju bhala wiehed familiae erciscundae li jolqot omnia ius quod defunctus habuit u ghalhekk l-azzjoni odjerna tikkomprendi l-kwistjonijiet kollha relatati mill-wirt li tieghu qeda tintalab il-likwidazzjoni.[PA Giuseppe Pirotta vs Maria Preca [1939] Vol.XXX.II.20]; “u billi l-kontendenti kollha f’ dan ix-xorta ta’ gudizzju huma kollha atturi u konvenuti fl-istess hin, anke trattandosi ta’ impunjattiva , jistghu jipprocedu ope eccezzjonis [XXIX.II.743]”PA..Antonia Schembri vs Francesca D’Amato [1957] Vol.XLIB]

In tema ta’ simulazzjoni huma relevanti ghall-kaz in disamina s-segwenti osservazzjonijiet. Illi s-simulazzjoni ghandha tigi provata minn min jallegaha in omagg ghall-principju procedurali generali li onus probandi incumbit ei quid dicit non ei qui negat, u, stante li din il-figura hija forma ta’ frodi il-provi ghandhom ikunu perswasivi u konkludenti. Il-prova tista’ ssir b’ kull mod permess mill-ligi anke minn xhieda. Izda dan il-principju ghandu jigi applikat <u>b’ rigur akbar </u>meta jigi impunjat att pubbliku minhabba l-fidi akbar li l-ligi tirriponi fihom.. Inoltre gie osservat li s-simulazzjoni tista’ tigi provata mhux bi provi diretti imma anke permezz ta’ <u>prezunzjonijiet u kongetturi, purche’ dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, u mhux kontradetti minn prezunzjonijiet u indizji ohra</u>.[App.C.Salvatore Debono vs Carmelo Zammit et [1946] Vol.32B.I.343; AC.PL.Ettore Caruana Scicluna vs

[7] Fol.305

Neg.Ugo Pace et. [1949] Vol.33B.1.390] L-indizji tas-simulazzjoni mhux biss iridu jkunu gravi, precizi u konkordanti, imma jirdu jkunu tali li kontra taghhom ma jkunx hemm indizzi ohra li jiggeneraw dubju li l-att seta' kien veru u reali.[PA [1948] Emma Ciappara va Salvatore Camilleri Vol.33E.II.307]. Ghax kull ftehim ghandu favur tieghu l-presunzjoni tas-sincerita' u tar-realta [App.Civ. Carmelo Cini vs Alfred Zammit [1986].[8]

***Osservazzjonijiet fil-mertu***

Illi fil-kaz in disamina ma rrizultawx elementi ta' prova sufficjenti sabiex jirrendu logika u legalment valida l-konkluzjoni li l-kuntratt de quo kien simulat u li fil-fatt kien donazzjoni u mhux bejgh. Konkluzjoni bazata fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. Illi mill-kuntratt relattiv irrizulta f' termini cara li l-prezz tal-bejgh kien thallas "prezenzjalment" fuq il-kuntratt u mal-bejgh kienet thalliet debita ricevuta. Dan il-fatt, li jinsab konfortat ukoll minn provi ohra, jinnewtralizza l-allegazzjoni tal-attrici li l-prezz ta' Lm1,100 ma kienx thallas mill-kompratur.

Illi mill-provi rrizulta wkoll li meta Carmela Sciortino ippercepiet il-prezz tal-bejgh, nofsu zammitu ghaliha, stante li nofs indiviz tal-post kien jappartjeni lilha, u n-nofs l-iehor inqasam bejn l-ahwa. Dan il-fatt, filwaqt li jikkonferma dak precedenti, jimmilita kontra t-tesi tad-donazzjoni. Izda anke jekk dato ma non concesso Carmela Sciortino sussegwentement qassmet is-sehem taghha ma' uliedha, dan il-fatt ma jimmilitax favur it-tesi tas-simulazzjoni tal-kuntratt.

2. Illi t-tieni bazi tal-pretensjoni attrici hija li l-bejgh sar bi prezz baxx. In propositu l-Qorti tosserva li ma ngabet ebda prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni. Il-provi juru li l-fond kien fi stat hazin, tant hu hekk li Anthony Sciortino, wara li xtrah, waqqghu u rega' benih mill-gdid. Dan il-fatt jikkorrobora d-deskrizzjoni tal-fond kif moghtija fid-denunzja ta' Salvatore Sciortino, fejn il-fond gie stmat fis-

[8] Vol.LXX.II.204

somma ta' Lm1,100. Inoltre anke fl-istess kuntratt gie dikjarat li l-fond kien fi stat hazin. Di fatti dan inbigh "bil-hsarat kollha li fih li jidhru .." Barra minnhekk mill-provi rrizulta li l-fond kien piuttost zghir.

Illi in vista tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li l-allegazzjoni tal-attrici li l-bejgh tal-fond 100 [gia'102] Siggiewi Street Zebbug huwa simulat, mhix sostnuta mill-provi u baqghet konfinata biss fil-parametri tal-suspett u tal-kongettura, li minn naha taghhom huma kontradetti minn provi sodisfacenti li juru l-kuntrarju. Ghaldaqstant din l-allegazzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ma ghandha tigi skartata.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tiddikjara li l-kuntratt ta' kompro vendita tal-fond fuq indikat mhux affett minn simulazzjoni. Naturalment ghandu jibqa' impregudikat id-dritt tal-attrici li tirreklama il-legittima fuq <u>in-nofs indiviz</u> ta' dan il-fond, liema sehem kien jifforma parti mill-assi ereditarju ta' missierha Salvatore Sciortino, kif ukoll kull donazzjoni, inkluzi dawk ta' natura pekunjarja, li talvolta jirrizultaw li saru minn Carmela Sciortina lil hut l-attrici.

Illi in fine u b' referenza ghall-valutazzjoni tal-propjeta' li ghandha ssir mill-Perit Tekniku huma applikabbli l-principji esposti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell sentenza moghtija mill- fl-10 ta' Dicembru 1973 fl-ismijiet Concetta Vella vs Joseph Bugeja et, fejn gie osservat in linea ta' principju illi :

"Kwantu ghall-valutazzjoni tal-beni in konnessjoni mad-determinazzjoni tal-porzjoni legittima, li hija l-materja involuta f'dan l-appell, il-Qorti tahseb li m'ghandux ikun hemm kwistjoni, in bazi ghall-principji (ara in partikolari art. 684 Kodici Civili) li ghall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputa li hi r-riunjoni fittizia tal-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decujus (li l-ligi tikkunsidra bhal terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibli u, b'rifless, ta' dik indisponibbli, anke biex talvota tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) <u>bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-</u>

zmien tal-apertura tas-successjoni, tenut kont naturalment f'dan ir-rigward tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni.

Dan il-principju jezawrixxi ruhu fil-fissazzjoni tal-kriterju li ghandu jigi segwit ghall-kalkolu tal-valur tal-assi u tal-kwota tal-legittima; izda jekk il-legittima ma gietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mil-ligi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" ghandha tkun riferita ghaz-zmien tal-konversjoni, cioe' z-zmien l-aktar qrib possibli ghall-pronunzja gudizzjali u tenut kont ghalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monitarja"; u specifikatament ghall-kaz odjern osservat: "Dan ghandu wkoll japplika fis-sostanza tieghu 'mutatis mutandis' ghall-ipotesi li tirrikorri fil-kaz prezenti u l-aktar direttament tirrijentra fil-meritu ta' l-prezenti appell, fejn l-eredi waqt il-mori tal-gudizzju bieghu xi beni ta' l-eredita, li minnhom ukoll, kieku ma kienx ghall dan il-bejgh, il-legittimarji kienu jkunu jistghu issa jissodisfaw ir-ragunijiet taghhom minflok ma jkollhom biss kreditu fi flus, fis-sens li anke f'din l-ipotesi l- "aretimatio rei" ghandha wkoll tkun b'riferiment ghaz-zmien tal-pronunzja gudizzjali".

In sostanza, l-insenjament tal-Onor.Qorti tal-Appell in materja huwa li fil-kaz li l-legittimarja ser tiehu, kif ghandha dritt bil-ligi, il-legittima n-natura, allura z-zmien relevanti ghall-valutazzjoni ghall-fini tal-komputazzjoni fittizja,huwa il-mewt tat-testatur; mill-banda l-ohra, jekk il-legittima ser tikkonverta ruhu fi dritt ta' kreditu fi flus, iz-zmien relevanti huwa dak l-aktar qrib ghall-pronunzjament gudizzjali,u cioe' iz-zmien li fih tkun qed issir il-likwidazzjoni.

Tordna li dan il-gudizzju jigi komunikat lill-Perit Tekniku: l-AIC Albert Borg Costanzi.
Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------